MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tal-21 ta' Mejju, 2004

Talba Numru. 1496/2003

**Irene Vella**

**Vs**

**Arnold Vella**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li permezz tieghu l-attrici talbet li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' mitt lira Maltin (Lm100) rapprezentanti rifuzjoni ta' flus biex jinhadem *broom cupboard* liema *broom cupboard* qatt ma gie kostruwit.

Ra r-Risposta tal-konvenut li permezz taghha ddikjara li t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-hlas li sar mill-attrici kien ghal kcina mahduma mill-konvenut skond *sketch* li sar mill-partijiet u li ma kienx jinkludi *broom cupboard*. Meta x-xoghol tlesta mill-konvenut, l-attrici kienet kuntenta bix-xoghol u hallset.
Sema' lill-partijiet, lil Jason Galea u lil Anthony Vella.

Ra l-atti tal-kawza u sema' t-trattazzjoni ta' l-avukati difensuri tal-partijiet.

**Ikkunsidra**

Mill-provi prodotti jirrizulta illi fil-5 t'Awissu 2002 l-attrici kienet inkarigat lill-konvenut biex jaghmel *one kitchen cupboard solid oak,* sitt siggijiet u mejda u dan versu l-prezz komplessiv t'elf u tmien mitt lira Maltin (Lm1,800). Dakinhar tal-ftehim thallas depozitu ta' hames mitt lira Maltin (Lm500) u l-bilanc thallas mal-konsenja.

Effettivament jirrizulta wkoll mill-provi illi l-konvenut ikkonsenja l-kcina, l-mejda u s-siggijiet fi stat mhux *assembled* u tlett ijiem wara ffittja l-ghamara tal-kcina fil-post.

L-attrici ssostni illi kompriz f'dik l-ordni kien hemm *broom cupboard*. Il-konvenut jichad. L-attrici ssostni illi lmentat dwar in-nuqqas tal-*broom cupboard* dakinhar tal-konsenja u li meta lmentat mal-konvenut dwar dan hija l-ewwel qalet li mbaghad ser igibu u mbaghad aktar tard jirrizulta mill-provi prodotti mill-attrici li d-diskors kien fis-sens li ried mitt lira Maltin (Lm100) addizzjonali.

Fir-rigward tax-xhieda prodotti mill-konvenut, cjoe' l-konvenut u missieru, huma jsostnu illi l-*broom cupboard* ma kienetx inkluza fl-ordni u li din issemmiet biss xi gimgha / gimghat wara l-konsenja u li kien proprju dakinhar illi huwa talabha mitt lira Maltin (Lm100) addizzjonali u dan billi, skond hu, din il-*broom cupboard* ma kienetx inkluza fl-ordni originali.

Huwa evidenti li hemm kunflitt serju fil-provi. L-attrici tinsab korroborata min-neputi taghha Jason Galea u l-konvenut jinsab korroborat mix-xhieda ta' missieru.

Qabel xejn tajjeb li ssir referenza ghall-insenjament moghti fis-**sentenza deciza mil-Prim Awla tal-Qorti Civili (per Imh. T. Mallia) moghtija fit-30 t'Ottubru, 2003 fl-ismijiet "George Bugeja Vs Joseph Meilak" fejn il-Qorti qalet hekk:**

"Fid-dawl ta' dawn iz-zewg verzjonijiet kontrastanti, l-kaz jirriduci ruhu f'wiehed ta' kredibbilta' u versomiljanza tal-verzjonijiet moghtija mill-partijiet. Jinsab ravvisat fid-decizjoni fl-ismijiet **"Farrugia Vs Farrugia"**, **deciza minn din il-Qorti fl-24 ta' Novembru, 1966**, li:

*"Il-kunflitt fil-provi huma haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. L-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibbilta' u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabbiltajiet, u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-Gudikant."*

Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, l-kriterju m'huwiex dak jekk il-Gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili.  Dan fuq il-bilanc tal-probabbiltajiet, sostrat baziku t'azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabbiltajiet.  Dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragunevoli.  Kif kompla jinghad fl-imsemmija kawza **"Farrugia Vs Farrugia":**

*"Mhux kwalunkwe tip ta' kunflitt ghandu jhalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita' li minhabba fih ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola ta' in dubio pro reo".*

Fil-kunflitt tal-provi fejn il-Gudikatur ikun sema' lix-xhieda kollha viva voce u li ma jsib xejn x'jiskossa l-kredibbilta' taghhom, id-dubju li talvolta jista' jinholoq b'rizultat ta' tali kunflitt, ghandu jimmilita favur il-konvenut billi l-konsegwenza taghha tkun illi t-tezi ta' l-atturi ma tkunx debitament ippruvata.

It-Tribunal jidhirlu illi dan il-kaz huwa proprju wiehed minn dawk fejn ma jistax jinghad li l-provi prodotti jhallu lit-Tribunal dak il-konvinciment morali biex jasal u jakkolji t-talba taghha.

Mhux kuntrastat bejn il-partijiet illi:

a. L-ordni saret a bazi ta' *sketch* li gie ppreparat mill-imsemmi Jason Galea, u

b. Li dan l-i*sketch* gie konsenjat lill-konvenut.

Il-kontestazzjoni hija jekk dan l-i*sketch* kienx fih *broom cupboard*. Din il-prova tispetta lil-attrici stante li hija hi li qed tallegaha.

L-i*sketch* ma giex prodott fl-atti. L-unika dokument li gie prodott huwa l-*order form* li jinsab a fol 16 tal-process u f'dan l-*order form* ma jissemma' l-ebda *broom cupboard*. Jissemma' biss *kitchen cupboard* li possibbilment jista' jinkludi *broom cupboard*. Mela fuq dan id-dokument ma naslu mkien.

Pero', minn ezami akkurat tax-xhieda ta' l-attrici nsibu nkonsistenzi zghar li wkoll jiskossaw it-tezi taghha. Skond ix-xhieda taghha, dakinhar tal-konsenja qalet hekk:

"U tlabtilu, ghidtlu ghaliex m'ghamiltilix? Issa naghmililek fl-1 ta' Frar. U allura hallastu l-bilanc."

Imbaghad aktar tard fix-xhieda qalet illi:

"Meta gabli l-kcina u jiena tlabtu ghall-*broom cupboard*, hu qalli illi jekk jiena ntih Lm100, kien jaghmilili."

Jason Galea prodott mill-attrici qal hekk:

"Niftakar vagament illi fl-ahhar tad-diskursata meta ssemmiet il-*broom cupboard*, issemma' l-valur ta' Lm100/Lm120 u kien is-Sur Vella li qal li ser jaghmlilha l-*broom cupboard* u li kienet tiswa Lm100 pero' donnha li

m'accettatx li thallas dan l-ammont zejjed ghax dik kienet inkluza fil-prezz."

Effettivament fuq dan il-propozitu huwa evidenti illi sa mill-bidu nett il-konvenut kien isostni li l-*broom cupboard* ma kienetx inkluza fl-ordni in kwistjoni u ma kienx semplici zball li naqas li jaghmel l-istess *broom cupboard*. Huwa evidenti li, almenu mix-xhieda prodotta mill-attrici, dakinhar zgur ma kienx hemm ftehim li jsir dan il-*broom cupboard* u mhux kif qalet l-attrici, li dan jitlesta sa Frar.

Wiehed ma jistax jinjora l-fatt li meta l-kcina giet konsenjata, l-attrici hallset il-bilanc. Ghaliex hallset il-bilanc jekk dak il-hin il-konvenut qalilha li l-*broom cupboard* jiswa mitt lira Maltin (Lm100) iktar? It-Tribunal ma jhossx li gie ppruvat li dakinhar tal-konsenja ssemmiet il-*broom cupboard* u aktar itenni li, kif isostni l-konvenut, il-*broom cupboard* issemmiet wara.

It-Tribunal jifhem li l-attrici setghet hasbet li kien hemm *broom cupboard* inkluz u dan billi, kif anke xehed missier il-konvenut, fl-i*sketch* kien hemm tpingija ta' kif kellha ssir il-*cupboard* fejn jitqieghed il-forn (eye level) kien qisu forma ta' *broom cupboard* u ghalhekk forsi l-attrici hasbet li dan kien ser ikun il-*broom cupboard* izda mir-rizultanzi processwali t-Tribunal sinceramant ma jistax jasal ghall-konkluzjoni li l-attrici rnexxiela tipprova l-kaz sal-grad ta' prova rikjesta mil-ligi.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad it-talba attrici u, stante n-natura tal-kaz, l-ispejjez ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------